IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.11.2021
COM(2021) 698 final

2021/0363 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Franza – EGF/2021/005 FR/Airbus

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stipulati fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament dwar il-FEG).
2. Fis-26 ta' Lulju 2021, Franza ressqet l-applikazzjoni EGF/2021/005 FR/Airbus għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji fl-Airbus fi Franza.
3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

L-applikazzjoni tal-FEG	EGF/2021/005 FR/Airbus
L-Istat Membru	Franza
Ir-reġjun(i) ikkonċernat(i) (livell NUTS[2] 2)	Midi-Pyrénées (FRJ2) Pays de la Loire (FRG0)
Id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni	26 ta' Lulju 2021
Id-data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	9 ta' Awwissu 2021
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	9 ta' Awwissu 2021
L-iskadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	13 ta' Settembru 2021
L-iskadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	24 ta' Novembru 2021
Il-kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament tal-FEG
L-intrapriża primarja	Airbus (Airbus SE)
In-numru ta' intrapriżi kkonċernati	1
Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2)[3]	Diviżjoni 30 (Manifattura ta' tagħmir tat-trasport)
Il-perjodu ta' referenza (erba' xhur):	1 ta' Novembru 2020 – 1 ta' Marzu

[1] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

[2] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

[3] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

	2021
In-numru ta’ sensji matul il-perjodu ta’ referenza (*a*)	508
In-numru ta’ sensji qabel jew wara l-perjodu ta’ referenza (*b*)	0
In-numru totali ta’ sensji (*a + b)*	508
In-numru totali ta’ benefiċjarji eliġibbli	508
In-numru totali ta’ benefiċjarji fil-mira	297
Il-baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	4 406 194
Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG[4] (EUR)	0
Il-baġit totali (EUR)	4 406 194
Il-kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR)	3 745 264

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Il-proċedura

4. Franza ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2021/005 FR/Airbus fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji tal-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG, fis-26 ta’ Lulju 2021[5]. Il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni u talbet informazzjoni addizzjonali minn Franza fid-9 ta’ Awwissu 2021. Tali informazzjoni addizzjonali ġiet ipprovduta fi żmien 25 jum tax-xogħol mit-talba, wara estensjoni tal-iskadenza b’10 ijiem tax-xogħol wara t-talba debitament ġustifikata ta’ Franza. L-iskadenza ta’ 50 jum tax-xogħol mir-riċevuta tal-applikazzjoni kompluta li fihom il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fl-24 ta’ Novembru 2021.

L-eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija relatata ma’ 508 ħaddiema ssensjati li waqfet l-attività tagħhom fl-Unità Ekonomika u Soċjali (ESU)[6] fil-kumpanija Airbus Commercial (minn hawn ’il quddiem “Airbus Commercial”) ta’ Airbus (Airbus SE). Airbus topera fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-Diviżjoni 30 tan-NACE Reviżjoni 2 (il-Manifattura ta’ tagħmir tat-trasport). Is-sensji mill-intrapriża jinsabu fir-reġjuni tan-NUTS 2 tal-Midi-Pyrénées (FRJ2) u l-Pays de la Loire (FRG0).

---

4 F’konformità mal-ħames paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691.

5 Il-limitu ta’ żmien ta’ 12-il ġimgħa ġie sospiż bejn l-1 ta’ Jannar 2021 u t-3 ta’ Mejju 2021, f’konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/691.

6 Unità ekonomika u soċjali – ESU (unite économique et sociale – UES) hija struttura legali skont il-liġi Franċiża li tippermetti r-raggruppament ta’ intrapriżi li għandhom l-istess ġestjoni, li joperaw fl-istess settur, u li l-impjegati tagħhom għandhom l-istess interessi, iżda huma intrapriżi legalment distinti, bil-għan li tippromwovi l-ħolqien ta’ rappreżentanza komuni tal-impjegati. Is-sensji seħħew fl-ESU Airbus Commercial, li tiġbor flimkien iż-żewġ sussidjarji Franċiżi Airbus SAS u Airbus Operations SAS ta’ Airbus SE.

Kriterji ta' intervent

6. Franza ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati f'fornituri u produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet.

7. Il-perjodu referenzjarju ta' erba' xhur għall-applikazzjoni huwa mill-1 ta' Novembru 2020 sal-1 ta' Marzu 2021, li matulu 508 ħaddiema ngħataw is-sensja minn Airbus.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien ta' attività

8. Il-waqfien tal-attivitajiet tal-ħaddiema ssensjati tul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkolat mid-data tan-notifika individwali tal-impjegatur dwar it-tkeċċija jew it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg tal-ħaddiema.

Benefiċjarji eliġibbli

9. In-numru totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 508.

Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien mill-attivitajiet

10. Id-Diviżjoni tal-Inġenji tal-Ajru Kummerċjali ta' Airbus hija manifattur ewlieni ta' inġenji tal-ajru kummerċjali. Minħabba l-kollass ġenerali tal-avjazzjoni kummerċjali, b'mod partikolari tat-titjiriet tal-passiġġieri, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-attività tad-Diviżjoni tal-Inġenji tal-Ajru Kummerċjali ta' Airbus qiegħda tiffaċċja diffikultajiet serji.

11. Ir-restrizzjonijiet ġenerali fuq l-ivvjaġġar waqqfu l-biċċa l-kbira tas-settur matul il-pandemija. Barra minn hekk, il-kriżi ekonomika wara l-pandemija naqqset il-kapaċità tal-akkwist ta' ħafna klijenti tat-trasport bl-ajru u ġiegħlithom jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom li jużaw it-trasport bl-ajru.

12. Il-biċċa l-kbira tal-linji tal-ajru kummerċjali diġà ħabbru jew implimentaw pjanijiet estensivi ta' ristrutturar sabiex isalvaw lill-kumpaniji sakemm is-settur jirkupra bis-sħiħ. Skont Airbus, dan mhuwiex mistenni li jseħħ qabel l-2025[7].

13. Bħala parti mill-pjanijiet ta' ristrutturar tal-linji tal-ajru, ħafna inġenji tal-ajru ġew irtirati qabel iż-żmien, u l-pjanijiet ta' akkwist ta' inġenji tal-ajru ġodda ġew sospiżi jew ikkanċellati. Id-disponibbiltà abbundanti tal-inġenji tal-ajru wasslet għal aktar tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-inġenji tal-ajru[8].

14. Il-produzzjoni tal-inġenji tal-ajru kummerċjali ta' Airbus iġġenerat 67 % tal-fatturat globali ta' Airbus[9]. Minn April tal-2020, il-pjanijiet tal-produzzjoni kellhom jiġu adattati għas-sitwazzjoni ta' kriżi, u dan wassal għal tnaqqis ta' terz fil-livelli tal-produzzjoni[10].

15. Sabiex tagħmel il-forza tax-xogħol tagħha ta' daqs xieraq għall-pjanijiet tal-produzzjoni adattati malajr ħafna, Airbus kellha timplimenta pjan ta' ristrutturar.

---

7 Dokument mhux ippubblikat: Airbus "Livre 2", analiżi interna tal-kriżi tal-COVID u l-impatt tagħha fuq is-settur tal-attività ta' Airbus fi Franza.

8 Idem.

9 https://www.airbus.com/content/dam/corporate-topics/financial-and-company-information/Airbus-FY2020-Presentation.pdf

10 https://www.airbus.com/newsroom/press-releases/en/2020/04/airbus-reports-first-quarter-q1-2020-results.html.

Skont ftehim ta' negozjar kollettiv li jkopri l-kumpanija kollha[11], fi Franza biss tnaqqsu 4 248 kariga[12].

16. Bħala l-ewwel rikors, Airbus għamlet użu mid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni ta' emerġenza l-ġdida[13] li għaddiet fi Franza bħala reazzjoni għall-pandemija. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-intrapriżi jsellfu temporanjament persunal lil intrapriżi oħra. Fil-każ ta' Airbus, instabu soluzzjonijiet f'subentitajiet oħra ta' Airbus, iżda wkoll ma' intrapriżi esterni. B'konsegwenza ta' dan, l-impjegati kkonċernati ma kellhomx għalfejn jitkeċċew.

17. Il-gvern Franċiż nieda programm sabiex jappoġġa s-settur[14]. Dan l-appoġġ mill-gvern Franċiż ippermetta lil Airbus tippriserva 500 impjieg ieħor ta' inġiniera b'livell għoli ta' ħiliet.

18. Il-partijiet fin-negozjati qablu wkoll li jistabbilixxu programm li joffri gwida lill-ħaddiema interessati li jtemmu b'mod volontarju r-relazzjoni tax-xogħol tagħhom ma' Airbus.

19. Barra minn hekk, bħala reazzjoni għall-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, il-gvern Franċiż nieda programm temporanju ta' attività part-time fit-tul[15] li jippermetti lill-kumpaniji li qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet inaqqsu s-sigħat tax-xogħol tal-impjegati tagħhom. Bis-saħħa ta' dan il-programm, setgħu jiġu salvati 1 502 impjiegi oħra.

20. Minkejja li n-numru ta' sensji seta' jitnaqqas b'mod sinifikanti, intilfu 2 246 impjieg.

Impatt mistenni tal-għoti tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

21. L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li r-reġjuni kkonċernati huma partikolarment affettwati mill-kriżi wara l-pandemija tal-COVID-19. Iż-żewġ reġjuni kienu qegħdin jiffaċċjaw żieda fil-qgħad anke qabel il-kriżi. Fil-Pays de la Loire, ir-rata tal-qgħad żdiedet minn 6,8 % fl-2008 għal 8,5 % fl-2018, u f'Occitanie (ir-reġjun ikkonċernat fil-Midi-Pyrénées), minn 8,8 % għal 10,7 % matul l-istess perjodu. Mill-2018, ir-rati tal-qgħad kienu bdew jonqsu ftit, meta faqqgħet il-kriżi fl-2021. Fl-ewwel kwart tal-2021, il-qgħad kien ta' 6,9 % fil-Pays de la Loire u 9,4 % f'Occitanie[16].

22. B'mod partikolari f'Occitanie, is-sensji huma mistennija li jkollhom impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol u fuq l-ekonomija. Il-belt ta' Toulouse u r-reġjun tal-madwar huma l-cluster ajrunawtika ewlenija fl-Ewropa. 110 000 persuna huma impjegati fis-settur. Ir-reġjun huwa dipendenti ħafna fuq l-ajrunawtika bħala l-aktar settur importanti fir-reġjun. Airbus hija l-akbar impjegatur privat fir-reġjun. It-tnaqqis ta' 35 % tal-pjanijiet tal-produzzjoni f'Airbus huwa mistenni li jkollu

---

11 "Accord collectif relatif au plan d'adaptation des sociétés composant l'UES Airbus Commercial dans le contexte de la crise économique Covid-19 et ses conséquences sur l'emploi".

12 Madwar id-dinja, Airbus kellha tnaqqas madwar 9 400 kariga. https://www.airbus.com/content/dam/corporate-topics/financial-and-company-information/Airbus-FY2020-SN.pdf.

13 Loi d'urgence n°2020-734 tas-17 ta' Ġunju 2020.

14 Il-programm tnieda mill-CORAC (Conseil pour la Recherche Aéronautique Civile).

15 Activité Partielle de Longue Durée (APLD) : https://www.service-public.fr/professionnels-entreprises/vosdroits/F35381

16 *Data* miġbura mill-Istitut Nazzjonali Franċiż tal-Istatistika u l-Istudji Ekonomiċi – għal aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija u għall-istatistika jekk jogħġbok ara https://www.insee.fr/fr/metadonnees/source/indicateur/p1660/description.

konsegwenzi severi ħafna fuq l-impjiegi fis-settur kollu, b'dan jaffettwa numru kbir ta' fornituri, eċċ.[17]

23. Fir-rigward ta' Occitanie, għalkemm parti kbira mill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandhom livell għoli ta' edukazzjoni, madwar 31 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandhom aktar minn 50 sena, u dan jagħmilha aktar diffiċli li jsibu impjieg ieħor. Madankollu, ir-reġjun stabbilixxa ruħu bħala ekosistema importanti għan-negozji ġodda, fejn għalhekk hemm opportunitajiet potenzjali għall-benefiċjarji li jixtiequ jibdew in-negozju tagħhom stess[18].

24. Fil-Pays de la Loire, l-impatt tal-kriżi tal-avjazzjoni fuq l-ekonomija lokali u s-suq tax-xogħol huwa mistenni li jkun anqas detrimentali, minħabba d-diversifikazzjoni għolja tal-ekonomija reġjonali. Madankollu, ma hemmx ħafna opportunitajiet ta' impjieg għall-inġiniera u t-technicians ajrunawtiċi. Huwa mistenni li jinħolqu opportunitajiet fis-settur marittimu, jew fl-enerġiji rinnovabbli, li min-naħa tagħhom jeħtieġu t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Bħal f'Occitanie, l-età tal-ħaddiema kkonċernati x'aktarx li xxekkel l-impjieg mill-ġdid. 11 % tal-persunal affettwat għandhom aktar minn 55 sena[19].

L-applikazzjoni tal-Qafas tal-UE dwar il-Kwalità għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (QFR)

25. Franza ddeskriviet kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar: skont il-Kodiċi tax-Xogħol Franċiż, kumpanija *in bonis* (jiġifieri mhux f'likwidazzjoni) li timpjega 1 000 impjegat jew aktar, hija responsabbli li tħallas lill-persunal li ngħata s-sensja bħala konsegwenza tar-ristrutturar organizzazzjonali l-kostijiet kollha tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol assoċjati. Intervent mill-awtoritajiet pubbliċi huwa previst biss ladarba jintemmu l-miżuri pprovduti mill-intrapriża li tat is-sensja.

26. L-awtoritajiet Franċiżi stabbilew li Airbus għandha sistema sofistikata ħafna sabiex tidentifika u tantiċipa l-bidla, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' ħiliet u kompetenzi partikolari fost il-persunal tagħha, kif ukoll tal-ħtiġijiet tal-persunal b'mod ġenerali[20]. Il-persunal u r-rappreżentanti tal-union huma involuti mill-qrib fil-pjanijiet organizzattivi għall-adattament għall-bidla. Minkejja li l-pandemija u l-kriżi li segwiet laqtu lis-settur f'daqqa, Airbus għalhekk setgħet tibni fuq is-sistema eżistenti tagħha ta' konsultazzjonijiet mal-persunal u mar-rappreżentanti tal-unions sabiex tiddiskuti l-pjan ta' ristrutturar meħtieġ b'reazzjoni għas-sitwazzjoni ta' kriżi.

27. Franza indikat li Airbus, bħala kumpanija *in bonis* li timpjega aktar minn 1 000 impjegat, stabbiliet pakkett estensiv ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li għandhom l-għan li jgħinu lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja. F'kooperazzjoni ma' konsulenza esterna dwar ir-rikollokament, Airbus stabbiliet punt ta' informazzjoni ta' gwida msejjaħ *Mobility Pathways*, bħala l-ewwel punt li l-ħaddiema kkonċernati jistgħu jikkuntattjaw. F'dan il-punt ta' informazzjoni, il-ħaddiema mhux biss jirċievu l-ewwel gwida dwar il-perkorsi possibbli li jistgħu jsegwu, iżda huma wkoll megħjuna aktar fl-isforzi tagħhom sabiex jipparteċipaw f'miżuri ta' taħriġ, jew sabiex isibu impjieg ġdid.

---

17 Dokument mhux ippubblikat: Airbus – Étude d'Impact, BPI Consulting Paris, 12/2020.

18 Idem.

19 Idem.

20 Fl-"Accord-Gestion des Emplois et des Parcours Professionnels" tagħha tal-15 ta' Frar 2019, Airbus timpenja ruħha li mhux biss tanalizza dawn il-ħtiġijiet, iżda wkoll li tiddiskutihom mal-atturi interni rilevanti kollha.

Komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

28. L-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG lanqas ma huma se jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

29. Franza indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mal-persunal u mar-rappreżentanti tal-union. F'sensiela twila ta' laqgħat u negozjati bejn Airbus u l-persunal u r-rappreżentanti tal-union rilevanti[21], kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, il-partijiet fin-negozjati identifikaw perkorsi possibbli sabiex jittaffa l-effett dirett fuq il-persunal u sabiex jiġu mfassla pakketti ta' miżuri sabiex jgħinu lill-impjegati kkonċernati. Dawn iċ-ċikli ta' negozjati interni bdew fit-30 ta' Ġunju 2020 u ntemmu fil-15 ta' Ottubru 2020.

Il-benefiċjarji fil-mira u l-azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

30. In-numru stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 297. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv huwa kif ġej:

Kategorija		Numru ta' benefiċjarji mistennija	
Il-ġeneru:	Irġiel:	236	(79,5 %)
	Nisa:	61	(20,5 %)
	Mhux binarji	0	(0,0 %)
Il-grupp ta' età:	Taħt it-30 sena:	35	(11,8 %)
	Bejn it-30 u l-54 sena:	222	(74,7 %)
	Aktar minn 54 sena:	40	(13,5 %)
Il-livell ta' edukazzjoni	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew anqas[22]	0	(0,0 %)
	Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell[23] jew post-sekondarja[24]	150	(50,5 %)

[21] CGA-F (Comité de Groupe Airbus France), CSE-C (Comité Social Economique-Central), CSE-E (Comité Social Economique-Etablissement), il-Kumitat Ewropew.

[22] ISCED 0-2

[23] ISCED 4

	Edukazzjoni terzjarja[25]	147	(49,5 %)

Miżuri proposti

31. Il-miżuri li għalihom l-awtoritajiet Franċiżi qegħdin ifittxu kofinanzjament mill-FEG huma parti mill-pakkett globali ta' miżuri personalizzati offrut mill-intrapriża li tat is-sensji lill-impjegati kkonċernati. Madankollu, huma biss dawk il-miżuri li jmorru lil hinn mill-obbligi legali tal-intrapriża li tat is-sensji li huma eliġibbli għall-appoġġ tal-FEG u deskritti hawn taħt:

   – L-għotjiet sabiex jinbeda negozju: Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa lill-benefiċjarji interessati li jibdew in-negozju tagħhom stess billi tagħti għotja sabiex jinbeda negozju ta' EUR 15 000 għal kull benefiċjarju. Il-ħaddiema interessati jistgħu japplikaw għall-iskema sabiex jinbeda negozju, u jistgħu jitolbu l-għotja sa sitt xhur wara li jidħlu fl-iskema. L-għotja titħallas bħala rata fissa mal-għoti ta' evidenza li fil-fatt ġie rreġistrat negozju. Il-proċess kollu huwa ġestit minn Mobility Pathways, li toffri gwida dwar kif wieħed għandu japplika, jivverifika u jivvalida l-pjanijiet tan-negozju, u fl-aħħar nett jiddeċiedi dwar l-għotja. Jekk il-benefiċjarji joħolqu negozju flimkien, kull benefiċjarju jingħata s-somma sħiħa.

   – It-taħriġ għall-ħolqien ta' negozju: Din il-miżura hija mmirata lejn dawk il-benefiċjarji li rreġistraw għall-iskema sabiex jinbeda negozju. Jiġi offrut taħriġ estensiv lil dawk interessati li jibdew in-negozju tagħhom stess.

   – L-allowances għall-infiq relatat mat-taħriġ għall-ħolqien ta' negozju: Il-benefiċjarji li jipparteċipaw fit-taħriġ għall-ħolqien ta' negozju jistgħu jirċievu rimborż tal-kostijiet għall-akkomodazzjoni, l-ikel, it-trasport, kif ukoll servizzi possibbli ta' interpretazzjoni, eċċ.

   – Iż-żidiet mas-salarju: Din il-miżura għandha l-għan li toffri inċentiv sabiex jiġu aċċettati impjiegi ġodda, anke jekk is-salarju tal-impjieg il-ġdid li jinstab ikun aktar baxx milli fl-impjieg preċedenti. L-ammont massimu fix-xahar huwa ta' EUR 350, u jitħallas għal perjodu ta' sa 12-il xahar.

32. Franza informat li l-intrapriża li tat is-sensji regolarment toffri taħriġ għall-persunal tagħha fejn tingħata attenzjoni partikolari lill-ħiliet diġitali u l-ħiliet meħtieġa f'ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Għalhekk, it-tixrid ta' tali ħiliet orizzontali kif imsemmi fl-Artikolu 7.2 tar-Regolament tal-FEG ma jkunx meħtieġ fuq bażi strutturali. Madankollu, jekk tiġi identifikata ħtieġa ta' taħriġ partikolari għal benefiċjarju speċifiku, din tista' tiġi offruta.

33. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli, stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

34. Franza pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma hijiex se tissostitwixxi azzjonijiet bħal dawn.

---

[24] ISCED 3

[25] ISCED 5-8

Bażit stmat

35. Il-kostijiet totali stmati huma ta’ EUR 4 406 194, li huma magħmula biss min-nefqa għal servizzi personalizzati u l-ebda nefqa għal attivitajiet ta’ tħejjija, ta’ ġestjoni, ta’ informazzjoni u ta’ pubbliċità, ta’ kontroll u ta’ rapportar.

36. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta’ EUR 3 745 264 (85 % tal-kostijiet totali).

37. Is-sors ta’ prefinanzjament jew ta’ kofinanzjament nazzjonali huwa Airbus.

Il-miżuri	In-numru stmat ta’ parteċipanti	Il-kost stmat kull parteċipant *(EUR)*[26]	Il-kostijiet totali stmati *(EUR)*[27]
Is-servizzi personalizzati (il-miżuri skont l-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament tal-FEG)			
L-għotjiet sabiex jinbeda negozju (prime création d’entreprise)	217	15 000	3 255 000
It-taħriġ għall-ħolqien ta’ negozju (formation création d’entreprise)	275	3 974	1 092 902
Subtotal (a): Il-perċentwal tal-pakkett ta’ servizzi personalizzati	–		4 347 902 (98,7 %)
Il-benefiċċji u l-inċentivi (il-miżuri skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
L-allowances għall-infiq relatat mat-taħriġ għall-ħolqien ta’ negozju (allocation frais annexes formation création d’entreprise)	21	724	15 199
Iż-żidiet mas-salarju (indemnité différentielle de salaire)	22	1 959	43 093
Subtotal (b): Il-perċentwal tal-pakkett ta’ servizzi personalizzati:	–		58 292 (1,3 %)
L-attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament tal-FEG			
1. L-attivitajiet preparatorji	–		0
2. Il-maniġment	–		0
3. L-informazzjoni u l-pubbliċità	–		0
4. Il-kontroll u r-rapportar	–		0
Subtotal (c): Il-perċentwal tal-kostijiet totali:	–		0 (0 %)

[26] Sabiex jiġu evitati d-deċimali, tqarrbu l-kostijiet stmati għal kull ħaddiem. Madankollu, it-tqarrib ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta’ kull miżura, li jibqa’ bħalma hemm fl-applikazzjoni sottomessa minn Franza.

[27] It-totali ma jaqblux minħabba li ċ-ċifri ġew ittondjati.

Il-kostijiet totali (a + b + c):	–	4 406 194
Il-kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali)	–	3 745 264

38. Il-kostijiet tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Franza kkonfermat li dawn l-azzjonijiet jiddependu mill-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix tal-impjieg jew ta' taħriġ.

39. Franza kkonfermat li l-kostijiet tal-investimenti għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, in-negozji l-ġodda u l-akkwiżizzjoni minn impjegati ma humiex se jaqbżu t-EUR 22 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

40. Franza bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Novembru 2020. Għalhekk, in-nefqa fuq l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Novembru 2020 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

41. Franza ma hijiex qiegħda tagħmel użu mill-possibbiltà li titlob fondi għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar.

Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

42. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Franza informat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mid-Délégation générale à l'emploi et à la formation professionnelle (DGEFP) tal-Ministeru għax-Xogħol, l-Impjiegi, t-Taħriġ Vokazzjonali u d-Djalogu Soċjali, b'mod partikolari mid-diviżjoni Fonds national de l'Emploi (DGEFP - MFNE). Il-pagamenti se jingħataw fl-iskema tad-DGEFP mid-diviżjoni Mission des Affaires Financières (DGEFP - MAFI). Il-Commission Interministérielle de Coordination des Contrôles (CICC) hija l-awtorità tal-awditjar Franċiża għall-FEG. Airbus se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi se jikkonkludu ftehim ta' sħubija ma' Airbus.

L-impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

43. Franza pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

– il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,

– ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,

– Airbus, li ssoktat bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha li jirregolaw is-sensji u previsti għall-ħaddiema tagħha kif xieraq,

– kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,

– il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta baġitarja

44. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[28].

45. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament dwar il-FEG, u wara li qieset in-numru ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mobilizzat għall-ammont ta' EUR 3 745 264, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

46. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[29].

L-atti relatati

47. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 3 745 264 għal-linja baġitarja rilevanti.

48. Fl-istess waqt li adottat din il-proposta għal deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju[30]. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

---

28 ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/11.

29 ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/29.

30 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

2021/0363 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Franza – EGF/2021/005 FR/Airbus

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[31], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[32], u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjieg sostenibbli mill-aktar fis possibbli.

(2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[33].

(3) Fis-26 ta' Lulju 2021, Franza ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji tal-ħaddiema f'Airbus (Airbus SE), fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt il-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE")[34] Reviżjoni 2 Diviżjoni 30 (il-Manifattura ta' tagħmir tat-trasport) fi Franza. Din kienet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni

---

31 ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

32 ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/29

33 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/11).

34 Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691.

(4) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 3 745 264 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata minn Franza.

(5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja tal-2022, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 3 745 264 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.* Għandha tapplika minn [*id-data tal-adozzjoni tagħha*]*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

* Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.